MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2011

Numru. 484/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
**RYAN CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ryan Caruana, ta’ 22 sena iben Leonard u Margaret nee’ Grech, mwieled Pieta f’12 ta’Gunju 1988, u joqghod fil-fond Ronmar Hse, Triq il-Wilga, Ghaxaq. , u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru  281588(M);

Akkuzat talli:
1. Fis-26 ta’ Jannar 2010 u fil jiem ta’qabel, f’diversi nhawi f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi document mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew

stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru’BBD838’ fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-registrazzjoni, u cioe’ billi wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka ‘Renault’ ( numru tar-registrazzjoni ‘EAB557’);

2. U talli fl-istess data, hin , lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentament ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat, billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru’BBD838’ fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-registrazzjoni, u cioe’ billi wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka ‘Renault’ ( numru tar-registrazzjoni originali ‘EAB557’);

3. U talli fl-istess data, hin , lok u cirkustanzi, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta’l-identifikazzjoni ta’chassis jew makna ta’ jew fuq, vettura bil-mutur, u cioe’ billi stampa numru tax-chassis falz jaqra ‘VF1B5710510961981’ fuq vettura tal-marka ‘Renault’ bin numru tax-chassis originali jaqra ‘VF1C5710409146410’ u numru tar-registrazzjoni jaqra’ ‘EAB557’;

4. U talli fl-istess data, hin , lok u cirkustanzi f’diversi nhawi f’dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla ‘Renault’ (bin numru tax-chassis originali jaqra ‘VF1C5710409146410’ u numru tar-registrazzjoni originali ‘EAB557’), minghajr il-licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija jew Awtorita Dwar it-trasport ta’Malta, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’assikurazzjoni ghar-riskji ta’terzi persuni

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’sejbien ta’htija tordna l-konfiska tal-vettura tal-marka ‘Renault’ bin-numru tar-registrazzjoni originali jaqra ‘EAB557’

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta’l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-ammisjoni ta’ l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti issib lil-imputat Ryan Caruana hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 188, 189, 298D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’Malta, l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, u il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa, il-fatt li kien student u li minn karozza illi huwa iddikjara mal-awtoritajiet illi kien scrapjha huwa ha xi *parts* tal-vettura u qedghom fuq vettura ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------